**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Darren Buhagiar]**

**vs**

**Fassou Kourouma**

**Illum, 11 ta' Diċembru, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

"**Fassou Kourouma,** detentur tan-numru tal-Pulizija 19C-059;

U nakkużah talli fl-10 ta' Dicembru 2019 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer jew fi bnadi ohra ffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'dokumenti jew kellu fil-pussess tieghu xi dokumenti li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddlin jew sar xi tibdil fihom, u ċioè kellu fil-pussess tieghu passaport tal-aljeni Taljan falz u permess ta' residenza Taljan falz *(Kap. 61, Art. 5 tal-Liġijiet ta' Malta)*;

U nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument,

fid-dokumenti fuq imsemmi gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta *(Kap. 9, Art. 189 tal-Liġijiet ta' Malta)*;

U nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokument jew kopji vera ta' dokument jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni *(Kap. 217, Art. 32(1d) tal-Liġijiet ta' Malta)*."

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu.

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat **Fassou Kourouma** reġa afferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tatu żmien jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi imposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-koperazzjoni tiegħu mal-Pulizija, il-fedina penali tal-imputat, il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artiklu 5 tal-Kapitlu 61, l-Artiklu 189 tal-Kapitlu 9, u l-Artiklu 32(1)(d) tal-Kapitlu 217 tal-liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Fassour Kourouma** ħati tal-akkuzi migjuba kontrih u wara li qieset il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, u l-ammissjoni bikrija tieghu tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettivi.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur